DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 79/2012

tat-30 ta' April 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 39/2012 tal-30 ta' Marzu 2012 ([1]).

(2) L-Anness II ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 45/2012 tat-30 ta' Marzu 2012 ([2]).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 li jemenda l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 u (KE) Nru 737/2008 dwar listi u ismijiet tal-laboratorji ta' referenza tal-UE ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim. Din id-deċiżjoni għalhekk ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 11 (ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 1.1 tal-Kapitolu I:

"— **32011 R 0208**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 (ĠU L 58, 3.3.2011, p. 29)."

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 41 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 737/2008) fil-Parti 3.2 u l-punt 90 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I:

", kif emendat permezz ta':

— **32011 R 0208**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 (ĠU L 58, 3.3.2011, p. 29)."

3. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 31j (ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II:

"— **32011 R 0208**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 (ĠU L 58, 3.3.2011, p. 29)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 54zzzi (ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim:

"— **32011 R 0208**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 208/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 (ĠU L 58, 3.3.2011, p. 29)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 208/2011 bl-ilsien Islandiż u b'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 207, 2.8.2012, p. 13.
([2]) ĠU L 207, 2.8.2012, p. 24.
([3]) ĠU L 58, 3.3.2011, p. 29.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2012, dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' mieġħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
L-Aġent President
Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.